IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-eżaminaturi għandhom isegwu l-proċedura ta' dan l-iskript biss, inklużi l-ħin ta' kull taqsima u l-mistoqsijiet. Għal skop ta' standardizzazzjoni, fl-ebda mument ma jistgħu joħorġu b'xi mistoqsijiet li mhux qegħdin f'dan l-iskript. L-eżaminaturi ma jistgħux jistaqsu mistoqsijiet personali u ma jistgħux jgħaddu kummenti fuq kif marru l-kandidati.

## IL-PROĊEDURA

**L-introduzzjoni** (minuta, bla marki)

Malli jidħlu l-kandidati l-eżaminaturi jgħidu:

> **L-għodwa t-tajba/Il-waranofsinhar it-tajjeb. Se nibda billi nistaqsik xi mistoqisjiet sakemm toqgħod. Din il-parti ma fihiex marki.**
> **Wara se nagħtik tliet titli biex tagħżel wieħed. Imbagħad se nagħtik silta marbuta mat-titlu li tkun għażilt u se jkollok 2 minuti u nofs biex taqraha f'qalbek. Tista' tniżżel xi noti li jistgħu jservuk għal waqt l-intervista li ssir fl-aħħar.**

Wara jistaqsu waħda waħda dawn il-mistoqsijiet:

1. **Kif tħossok meta tiġi biex tagħmel eżami tat-taħdit? Għaliex?**
2. **Għaliex għażilt li tkompli tistudja l-Malti f'dan il-livell?**
3. **Liema huwa l-aktar suġġett għal qalbek? Għaliex?**
4. **X'biħsiebek tagħmel wara li tlesti minn din il-fażi ta' studju?**

Malli tgħaddi l-minuta, l-eżaminaturi jwaqqfu l-intervista u jgħaddu għat-tieni taqsima, ukoll f'każ li l-eżaminaturi ma jkunux laħqu staqsew il-mistoqsijiet kollha.

**Il-preparazzjoni** (3 minuti, bla marki)

L-eżaminaturi jgħaddu lill-kandidati 3 titli minn 5 u jagħtuhom nofs minuta biex jagħżlu wieħed. Malli l-kandidati jagħżlu titlu, jagħtuhom it-test skont it-titlu magħżul u jgħidulhom li ma jistgħux jibdlu l-għażla tagħhom. Jgħidulhom ukoll li għandhom 2 minuti u nofs biex jaqraw f'qalbhom it-test marbut mat-titlu u jekk iridu, jistgħu jniżżlu xi punti dwaru fuq karta pprovduta.

**Il-qari b'vuċi għolja** (2 minuti, 5 marki)

Kif jgħaddu ż-żewġ minuti, l-eżaminaturi jitolbu lill-kandidati jaqraw b'vuċi għolja t-test li għażlu. F'każ li l-kandidati jdumu iktar minn żewġ minuti biex jaqraw it-test sħiħ, l-eżaminaturi jwaqqfu din il-parti u jgħaddu għat-taqsima li jmiss. F'każ li l-eżaminaturi jaraw li l-kandidati qed ibatu ħafna biex jaqraw it-test, jistgħu jwaqqfu din it-taqsima wara 30 sekonda. Fl-ebda mument l-eżaminaturi ma jistgħu jgħinu lill-kandidati fil-qari.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**L-intervista** (9 minuti, 10 marki)

Wara li jitlesta l-qari, l-eżaminatur ikompli jaqra l-istqarrija u jkompli bil-mistoqsijiet.

(Total: 15-il marka)

**L-ISKEMA TAL-MARKI TAL-ORAL**

L-eżaminaturi għandhom jużaw din l-iskema tal-marki, maqsuma fi tlieta: waħda għall-qari b'vuċi għolja, l-oħra għall-intervista, u l-oħra għall-oral kollu. Għandhom 2 minuti biex jagħtu l-marka.

**A.**

| **Il-kompetenza fil-qari b'vuċi għolja** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| **1.** | Kapaċi jippronunzjaw il-kliem b'Malti standard. | **0-1** |
| **2.** | Kapaċi jaqraw bis-sens (jiġifieri jirrispettaw it-ton u l-punteġġjatura li hemm fis-silta). | **0-1** |
| **3.** | Kapaċi jaqraw b'mod mexxej (jiġifieri jirrispettaw ir-ritmu). | **0-1** |
| **4.** | Kapaċi jaqraw in-numri fis-silta. (Il-kandidati jieħdu marka għal kull numru). | **0-2** |
| **It-total** | | **5** |

**B.**

| **Il-kompetenza fit-tweġib tal-mistoqsijiet tal-intervista** | | **Il-marki** |
|---|---|---|
| **1.** | Kapaċi jużaw pronunzja standard. | **0-1** |
| **2.** | Kapaċi jwieġbu b'mod relevanti kull mistoqsija. | **0-1** |
| **3.** | Kapaċi jagħtu opinjoni/jiet u r-raġuni/jiet fuq it-tema. | **0-2** |
| **4.** | Kapaċi jipotizzaw sitwazzjoni mit-tagħrif li jingħatalhom u joffru soluzzjoni/jiet possibbli. | **0-2** |
| **5.** | Kapaċi jużaw Malti idjomatiku. | **0-2** |
| **6.** | Kapaċi jużaw lessiku xieraq fid-diskors tagħhom. | **0-2** |
| **It-total** | | **10** |

**Fit-taqsima tal-intervista l-kandidati ma jistgħux iġibu iżjed minn 5 marki jekk:**

- il-Malti tagħhom huwa batut ħafna, jiġifieri miżgħud bi żbalji grammatikali u/jew lessikali (billi, ngħidu aħna, idaħħlu kliem mill-Ingliż mingħajr bżonn), u/jew
- ikunu qatgħu fil-qasir wisq it-tweġibiet tagħhom.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-EŻAMINATURI

**Tema A**: **Iż-żgħażagħ u l-volontarjat**

Minn stħarriġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ippubblikat fil-bidu ta' Diċembru li għadda, 31,000 persuna, minn tnax-il sena 'l fuq, jagħmlu xi forma ta' volontarjat. Veru li dan ifisser madwar 10% tal-popolazzjoni u m'aħniex 'il bogħod minn pajjiżi oħra, imma b'daqshekk nistgħu nserrħu rasna? Wisq nibża' li hawn mentalità, speċjalment fost iż-żgħażagħ, li l-volontarjat huwa xi ħaġa "għan-nies tal-Knisja." Veru li fi ħdan l-Arċidjoċesi jeżisti numru ta' għaqdiet volontarji iżda hawn mijiet ta' għaqdiet oħra. Il-volontarjat lanqas mhu biss ħidma ma' persuni bi bżonnijiet speċjali iżda jiġbor fih għaqdiet sportivi, soċjali, kulturali u anke politiċi.

*Silta addattata minn Yendrick Cioffi, "Il-volontarjat: Donazzjoni ta' valur imprezzabbli", Newsbook (Malta, 11 ta' Jannar, 2015)*

L-eżaminaturi jgħidu:

**Inti għażilt li titkellem fuq iż-żgħażagħ u l-volontarjat. Fis-silta li qrajt, il-ġurnalist kiteb hekk: *Wisq nibża' li hawn mentalità, speċjalment fost iż-żgħażagħ, li l-volontarjat huwa xi ħaġa "għan-nies tal-Knisja."***

L-eżaminaturi jkomplu l-mistoqsijiet u jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs, jiġifieri madwar 9 minuti.

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**

2. **Taħseb li ż-żgħażagħ huma konxji mill-importanza li għandu l-volontarjat f'pajjiżna? Għaliex?**

3. **Taħseb li l-ħidma volontarja tista' ssaħħaħ il-valuri tal-ħajja taż-żgħażagħ? Għaliex?**

4. **Taħseb li l-Kunsill Lokali tal-post li fih tgħix inti jagħti biżżejjed opportunitajiet liż-żgħażagħ biex jimpenjaw ruħhom fil-volontarjat? Għaliex?**

5. **X'tista' tagħmel inti biex tikkonvinċi lil sħabek tamparek jagħtu sehemhom f'għaqdiet volontarji?**

6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra mat-tweġibiet li tajtni?**

Malli tispiċċa l-intervista l-eżaminaturi jgħidu: **Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.**

(Total: 15-il marka)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-EŻAMINATURI**

**Tema B: L-ikel u s-saħħa**

Fl-1951, Herbert Ganado kiteb li Dr Johnson, dak il-famuż filosfu Ingliż tas-sens komun, kien jgħid illi min ma jagħtix kas ta' żaqqu aktarx li ma tantx jagħti kas ta' ħwejjeġ oħra fil-ħajja. U kien jaf jiekol kif kienu jafu jieklu dari wkoll fl-Ingilterra. Avolja Ċiċerun li twieled fis-sena 106 Q.K., darba qal: "Jien niekol biex ngħix u mhux ngħix biex niekol", kien iħobb, bla dubju ta' xejn, il-bukkuni tajba, iżda ta' bniedem li kien jistma lilu nnifsu, ma kienx jiffanga f'dawk l-orġji Rumani. Lanqas ma kien jiggosta dawk il-pranzi goffi tal-fanfaruni li Orazju waqqa' għaċ-ċajt b'mod tant ħelu f'waħda mill-kitbiet satiriċi tiegħu.

*Silta addattata minn Herbert Ganado, "Aħna l-Maltin inħobbu nieklu", Leħen is-Sewwa (Malta, 11 ta' Awwissu, 1951)*

L-eżaminaturi jgħidu:

**Inti għażilt li titkellem dwar l-ikel. Fis-silta qrajt hekk: "*Jien niekol biex ngħix u mhux ngħix biex niekol.*"**

L-eżaminaturi jkomplu l-mistoqsijiet u jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs, jiġifieri madwar 9 minuti.

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Taħseb li l-ġenerazzjonijiet li telgħin qed joqogħdu aktar attenti x'jieklu? Għaliex?**
3. **Taħseb li l-Maltin għandhom jagħmlu aktar eżerċizzji fiżiċi? Għaliex?**
4. **Taħseb li għad hawn min imut minħabba l-ikel li jiekol? Għaliex?**
5. **X'tista' tagħmel inti biex tikkonvinċi lil sħabek tamparek biex joqogħdu aktar attenti x'jieklu?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra mat-tweġibiet li tajtni?**

Malli tispiċċa l-intervista l-eżaminaturi jgħidu: **Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.**

(Total: 15-il marka)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-EŻAMINATURI**

**Tema Ċ: Il-kompjuters fil-ħajja tal-lum**

Fis-7 ta' Diċembru 2016 saret diskussjoni fuq il-possibbiltajiet ġodda li joffru l-globalizzazzjoni u t-tibdil teknoloġiku fl-edukazzjoni u x-xogħol. Kwart biss tat-tfal tal-iskola fl-Ewropa jiġu mgħallma minn għalliema diġitalment kunfidenti. It-trasformazzjoni diġitali qiegħda tibdel is-suq tax-xogħol u teħtieġ settijiet ta' ħiliet ġodda. It-teknoloġiji diġitali joffru wkoll modi ġodda ta' tagħlim dment li hemm aċċess adegwat għal dawn it-teknoloġiji. Sabiex jaħsdu l-benefiċċji ta' dawn ix-xejriet, is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ iridu jirrispondu aħjar għal dawn ir-realtajiet li dejjem qed jinbidlu. Edukazzjoni ta' kwalità għolja hija essenzjali sabiex iż-żgħażagħ jakkwistaw ħiliet, għarfien, attitudnijiet u mentalitajiet li jgħinuhom jaħtfu l-opportunitajiet il-ġodda.

*Silta addattata minn dokument tal-Kummissjoni Ewropea, "It-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni" ( Brussell, 7 ta' Diċembru, 2016)*

L-eżaminaturi jgħidu:

**Inti għażilt li titkellem fuq il-kompjuters fil-ħajja tal-lum. Fis-silta li qrajt, il-Kummissjoni Ewropea saħqet li: *"t-trasformazzjoni diġitali qiegħda tibdel is-suq tax-xogħol u teħtieġ settijiet ta' ħiliet ġodda."***

L-eżaminaturi jkomplu l-mistoqsijiet u jgħarrfu lill-kandidati li għal kull mistoqsija għandhom bejn wieħed u ieħor minuta u nofs, jiġifieri madwar 9 minuti.

1. **Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?**
2. **Taħseb li fil-matematika, it-tfal għandhom jużaw il-kompjuter biex jagħmlu l-kalkoli matematiċi tagħhom? Għaliex?**
3. **Taħseb li fl-era diġitali, iż-żgħażagħ qed jaqraw iktar? Għaliex?**
4. **Taħseb li l-istudenti jistgħu jitgħallmu aħjar bil-kompjuters, jew bil-kotba, jew bit-tnejn? Għaliex?**
5. **X'tista' tagħmel inti biex tikkonvinċi lill-ġenerazzjoni tiegħek issib bilanċ bejn ħajja soċjali virtwali u ħajja soċjali reali?**
6. **Tixtieq iżżid xi ħaġa oħra mat-tweġibiet li tajtni?**

Malli tispiċċa l-intervista l-eżaminaturi jgħidu: **Grazzi. L-eżami spiċċa u nawguralek il-kumplament tal-ġurnata t-tajba.** (Total: 15-il marka)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema A**: **Iż-żgħażagħ u l-volontarjat**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

## Tema B: L-ikel u s-saħħa

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

## Tema Ċ: Il-kompjuters fil-ħajja tal-lum

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema A**: **Iż-żgħażagħ u l-volontarjat**

Minn stħarriġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ippubblikat fil-bidu ta' Diċembru li għadda, 31,000 persuna, minn tnax-il sena 'l fuq, jagħmlu xi forma ta' volontarjat. Veru li dan ifisser madwar 10% tal-popolazzjoni u m'aħniex 'il bogħod minn pajjiżi oħra, imma b'daqshekk nistgħu nserrħu rasna? Wisq nibża' li hawn mentalità, speċjalment fost iż-żgħażagħ, li l-volontarjat huwa xi ħaġa "għan-nies tal-Knisja." Veru li fi ħdan l-Arċidjoċesi jeżisti numru ta' għaqdiet volontarji iżda hawn mijiet ta' għaqdiet oħra. Il-volontarjat lanqas mhu biss ħidma ma' persuni bi bżonnijiet speċjali iżda jiġbor fih għaqdiet sportivi, soċjali, kulturali u anke politiċi.

*Silta addattata minn Yendrick Cioffi, "Il-volontarjat: Donazzjoni ta' valur imprezzabbli", Newsbook (Malta, 11 ta' Jannar, 2015)*

(Total: 15-il marka)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

**Tema B: L-ikel u s-saħħa**

Fl-1951, Herbert Ganado kiteb li Dr Johnson, dak il-famuż filosfu Ingliż tas-sens komun, kien jgħid illi min ma jagħtix kas ta' żaqqu aktarx li ma tantx jagħti kas ta' ħwejjeġ oħra fil-ħajja. U kien jaf jiekol kif kienu jafu jieklu dari wkoll fl-Ingilterra. Avolja Ċiċerun li twieled fis-sena 106 Q.K., darba qal: "Jien niekol biex ngħix u mhux ngħix biex niekol", kien iħobb, bla dubju ta' xejn, il-bukkuni tajba, iżda ta' bniedem li kien jistma lilu nnifsu, ma kienx jiffanga f'dawk l-orġji Rumani. Lanqas ma kien jiggosta dawk il-pranzi goffi tal-fanfaruni li Orazju waqqa' għaċ-ċajt b'mod tant ħelu f'waħda mill-kitbiet satiriċi tiegħu.

*Silta addattata minn Herbert Ganado, "Aħna l-Maltin inħobbu nieklu", Leħen is-Sewwa (Malta, 11 ta' Awwissu, 1951)*

(Total: 15-il marka)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| KARTA: | L-Oral |
| DATA: | |
| ĦIN: | **15-il minuta** |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

### Tema Ċ: Il-kompjuters fil-ħajja tal-lum

Fis-7 ta' Diċembru 2016 saret diskussjoni fuq il-possibbiltajiet ġodda li joffru l-globalizzazzjoni u t-tibdil teknoloġiku fl-edukazzjoni u x-xogħol. Kwart biss tat-tfal tal-iskola fl-Ewropa jiġu mgħallma minn għalliema diġitalment kunfidenti. It-trasformazzjoni diġitali qiegħda tibdel is-suq tax-xogħol u teħtieġ settijiet ta' ħiliet ġodda. It-teknoloġiji diġitali joffru wkoll modi ġodda ta' tagħlim dment li hemm aċċess adegwat għal dawn it-teknoloġiji. Sabiex jaħsdu l-benefiċċji ta' dawn ix-xejriet, is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ iridu jirrispondu aħjar għal dawn ir-realtajiet li dejjem qed jinbidlu. Edukazzjoni ta' kwalità għolja hija essenzjali sabiex iż-żgħażagħ jakkwistaw ħiliet, għarfien, attitudnijiet u mentalitajiet li jgħinuhom jaħtfu l-opportunitajiet il-ġodda.

*Silta addattata minn dokument tal-Kummissjoni Ewropea, "It-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni"*
*(Brussell, 7 ta' Diċembru, 2016)*

(Total: 15-il marka)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**Karta Mudell 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **IL-MALTI** |
| DATA: | |
| ĦIN: | **3 Sigħat** |

## Taqsima A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA

### A1. Il-qari

Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

**James Cameron f'qiegħ id-dinja**

Wara li dam nieżel madwar sagħtejn u nofs, Cameron qatta' madwar tliet sigħat oħra jħuf fil-qiegħ f'din l-ewwel esplorazzjoni xjentifika b'raġel fiha. B'kollox dam tiela' sebgħin minuta. *(par. 1)*

L-ispedizzjoni kienet ippjanata biex Cameron ikun jista' jdum sa sitt sigħat jiġbor il-kampjuni mill-qiegħ u jiġbed il-filmati. Imma l-missjoni kellha titwaqqaf ħesrem wara li beda joħroġ likwidu idrawliku. Dan tebba' l-ħġieġa tas-sottomarin tant li l-pilota ma setax jara iktar sew. Lura l-art, Cameron qal li meta kien fil-qiegħ, lejn tmiem l-ispedizzjoni, ma setax juża l-id robotika tas-sottomarin. *(par. 2)*

Issa, meta wieħed iqis biċċa wġigħ ta' ras bħal din, li tibgħat persuna fl-abbissi, wieħed jistenniehom problemi tekniċi bħal dawn. Wara kollox, skont Cameron, is-sottomarin li saq huwa prototip, u għad fadallu triq twila biex jilħaq il-perfezzjoni. Minkejja li ma rnexxilux jaqbad biżżejjed kampjuni, kif hu u x-xjenzati tat-tim tiegħu kienu qed jittamaw li jsir, ma qatax qalbu. Anzi, għalih dan kien ifisser li jerġa' jinżel u jtella' miegħu aktar informazzjoni. Għal Cameron l-iktar ħaġa importanti kienet li l-magna ħadmet, il-pjattaforma kienet b'saħħitha biżżejjed, id-dwal xegħlu, il-kameras ħadmu, u jekk Alla jrid, id-darba li jmiss il-partijiet idrawliċi tas-sottomarin jaħdmu lkoll. *(par. 3)*

"Ma rajtx bram kbir u artikli tal-baħar kbar, kif kont rajt fl-ewwel spedizzjonijiet li kont għamilt 'il barra minn Papua New Guinea. Hawnhekk inżilt fuq art ratba ħafna, qisha ġelatina. Hekk kif ksibt id-direzzjonijiet, bdejt insuq is-sottomarin tiegħi sakemm wasalt fuq telgħa." *(par. 4)*

Matul il-ħin li għamel hemm, ma ra l-ebda ħuta u lanqas ma ra xi ħlejjaq oħra ikbar minn tliet ċentimetri. L-uniċi għawwiema li ra hemmhekk kienu l-anfipodi – speċi ta' gambli li huma aktarx komuni f'ħafna ambjenti marini. *(par. 5)*

Cameron kien qed jaħseb li l-ħajja se taddatta ruħha hemmhekk ukoll. Imma ħaseb ħażin. Kollox ma' kollox, it-tim xjentifiku li qed jakkumpanja din l-ispedizzjoni u oħrajn li se jsiru aktar 'il quddiem, għandu tama li l-kameras se jagħtu dawl ġdid fuq is-saltna sottomarina. Fil-fatt, mill-kampjuni tal-ħama li ġabar, ix-xjenzati sabu mikroorganiżmi eżotiċi u li barra li se jgħinuhom jifhmu aħjar l-oċeani se jkunu qed jgħinuhom ukoll fir-riċerka tal-ħajja ekstraterrestri. *(par. 6)*

*Traduzzjoni minn artiklu ta' Victoria Jaggard, National Geographic News, 26 ta' Marzu 2012*
*http://news.nationalgeographic.com/news/2012/03/120326-james-cameron-mariana-trench-challenger-deepest-lunar-sub-science/*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

**1.** Ikteb l-ittra tat-tweġiba t-tajba: (2 marki)

**a.** Minkejja li wara l-ispedizzjoni tiegħu fil-qiegħ, l-esploratur qata' qalbu għalkollox, se jibdel xi partijiet mekkaniċi tas-sottomarin biex darb'oħra jaħdem kollox kif imiss.

**b.** Għalkemm wieħed jistenna li jinqalgħu problemi tekniċi, Cameron u t-tim tiegħu ppreferew l-ispedizzjoni li kienet saret f'Papua New Guinea.

**ċ.** Cameron persważ li meta jerġa' jinżel, il-partijiet kollha tal-magna se jkunu pperfezzjonati tant, li se jaħdem kollox kif mixtieq.

**d.** Wara din l-ispedizzjoni huwa ppjanat li ssir spedizzjoni oħra bit-tama li s-sottomarin jaħdem kif suppost u jittellgħu aktar kampjuni għall-istudju.

**2.** Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu wieħed ta' bejn 80 u 90 kelma. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5 marki)

**3.** Kieku kont minflok Cameron, u skoprejt li ma kienx hemm wisq ħlejjaq fil-qiegħ, terġa' tissogra ħajtek u tinżel hemm darb'oħra? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet biex tispjega l-għażla tiegħek. (3 marki)

(10)

**A2. Il-kitba prattika**

Immaġina li inti James Cameron u qed tippjana li tinżel bis-sottomarin tiegħek qrib Kemmuna. Spjega fuq fuq il-proġett li għandek f'moħħok f'kitba ta' bejn **100 u 150 kelma**. Immaġinak qed tikteb għall-gazzetta *Il-Baħħar*.

(10)

**(Total: 20 marka)**

**Taqsima B: IL-LINGWISTIKA**

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet**

1. Bosta studjużi jaqblu li permezz tal-lingwa nistgħu nwasslu l-ideat tagħna lil ħaddieħor. Din hija funzjoni waħda tal-lingwa iżda mhijiex l-unika funzjoni. F'paragrafu ta' bejn **80 u 100 kelma** kkummenta dwar funzjoni oħra li għandha l-lingwa.

(6)

2. Hija ħaġa normali li l-lessiku ta' lingwa maż-żmien jiżviluppa u jinbidel, l-aktar jekk dik il-lingwa tiġi f'kuntatt qawwi ma' lingwi oħrajn. F'dan il-kuntest, ikteb komponiment ta' madwar **300 u 350 kelma** dwar kif il-lessiku Għarbi fil-Malti tħallat ma' kliem ieħor minn ilsna diversi li l-Malti ġie f'kuntatt magħhom u li l-komunità lingwistika f'Malta ħasset il-ħtieġa li tintegrah u taddattah fil-lingwa biex tkun tista' tesprimi sew ħsibijietha u l-ħtiġijiet tagħha f'ambjent li baqa' jinbidel u jevolvi.

(15)

**(Total: 21 marka)**

**Taqsima Ċ: IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Il-mixja poetika ta' Simone Galea hi tiftixa għall-mara sħiħa. Iddiskuti b'referenza għal xogħlijiet miġbura fil-ktieb *Xi Drabi Mqar Persuna*.

**JEW**

2. Xbieha rikorrenti għal qalb Simone Galea hija dik tal-baħar. Kif jidher dan f'*Xi Drabi Mqar Persuna*?

**(Total: 22 marka)**

**Taqsima D: IL-PROŻA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici jqanqal għadd ta' mistoqsijiet dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Iddiskuti wħud minn dawn il-kwistjonijiet morali. Taħseb li r-rumanz jaqta' linja ċara bejn it-tajjeb u l-ħażin?

**JEW**

2. Fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, ir-raħal ta' Ħal Rażul u l-Belt joffru realtajiet opposti għal xulxin. X'inhi l-istrateġija letterarja li biha l-awtur jikkrea dan il-kunflitt?

**(Total: 22 marka)**